SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

19 ta' Settembru 2024*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 2009/147/KE – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Artikolu 5, Artikolu 8(1) u Artikolu 9(1) – Sistema derogatorja li tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin ta' seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi – Setgħa ta' deroga tal-Istati Membri għal għanijiet ta' riċerka – Kundizzjonijiet"

Fil-Kawża C-23/23,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2023,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn C. Hermes u R. Lindenthal, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika ta' Malta, irrappreżentata minn A. Buhagiar, bħala aġent, assistita minn D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogado,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, T. von Danwitz, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Marzu 2024,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi adottat sistema derogatorja li tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin ta' seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi, jiġifieri l-isponsun (*Fringilla coelebs*), il-ġojjin (*Carduelis cannabina*), il-gardell (*Carduelis carduelis*), il-verdun (*Carduelis chloris*), taż-żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), l-apparell (*Serinus serinus*) u l-ekru (*Carduelis spinus*) (iktar 'il quddiem is-"seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati"), ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7), moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/147 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1 fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali."

3 L-Artikolu 5(a) u (e) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

(a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;

[…]

(e) iż-żamma tal-għasafar ta' speċi li l-kaċċa u l-qabda tagħhom hija pprojbita."

4 Skont l-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva, "[d]war il-kaċċa, qabda jew qtil tal-għasafar taħt din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-mezzi, arranġamenti u l-metodi kollha użati għall-qabda jew qtil tal-għasafar fuq skala kbira jew mhux selettiva jew li jkunu kapaċi jikkawżaw l-għejbien lokali ta' speċi, partikolarment l-użu ta' dawk elenkati fl-Anness IV punt (a)".

5 Ir-raba' inċiż tal-punt (a) tal-Anness IV tad-Direttiva 2009/147 jelenka l-mezzi segwenti:

"– Xbiek, nasses, lixki valenati jew anestetiċi".

6 L-Artikolu 9(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 8, fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti għar-raġunijiet li ġejjin:

[…]

(b) għal għanijiet tar-riċerka u t-tagħlim, tar-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tagħmir neċessarju għal dawn l-għanijiet;

(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta' ċerti għasafar f'numri żgħar.

2. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

(a) l-ispeċi li huma suġġetti għad-derogi;

(b) l-mezzi, l-arranġamenti jew il-metodi awtorizzati għall-qabda jew il-qtil;

(c) il-kondizzjonijiet tar-riskju u ċ-ċirkostanzi taż-żmien u l-post skont liema derogi bħal dawn jistgħu jingħataw;

(d) l-awtorità li jkollha s-setgħa li tiddikjara li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu sodisfatti u li tiddeċidi liema mezzi, arranġamenti jew metodi jistgħu jkunu użati, f'liema limiti u minn min;

(e) il-kontrolli li se jkunu magħmula."

Id-dritt Malti

Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

7 L-Avviż Legali 79 tal-2006 li jistabbilixxi r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, tad-29 ta' Marzu 2006 (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi"), jikkostitwixxi l-att legali prinċipali li jittrasponi d-Direttiva 2009/147 fid-dritt Malti.

8 B'mod partikolari, ir-Regolament 9 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jittrasponi, essenzjalment, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147 u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom għandu jitwettaq l-eżami tad-derogi. Dan ir-Regolament 9 jistabbilixxi proċedura għat-teħid ta' deċiżjonijiet li tinkludi eżami obbligatorju min-naħa tal-kumitat ornitoloġiku Malti (iktar 'il quddiem il-"Kumitat Ornis").

9 Skont ir-Regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, ir-rwol tal-Kumitat Ornis huwa, b'mod partikolari, li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru għall-Ambjent (iktar 'il quddiem il-"Ministru") dwar l-awtorizzazzjoni ta' derogi mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti 4 sa 7, 18 u 21 u li jivverifika minn żmien għal żmien li l-kundizzjonijiet li jwasslu sabiex jingħataw tali awtorizzazzjoni jew tali awtorizzazzjonijiet ikunu qegħdin jiġu osservati. Barra minn hekk, dan ir-Regolament 10 jistabbilixxi s-setgħa li għandu l-Ministru, meta jeżamina r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis, li jieħu deċiżjoni dwar

l-awtorizzazzjoni ta' derogi, kif ukoll l-obbligu tal-Ministru li jindika bil-miktub ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fil-każ li jkun hemm diverġenza sostanzjali bejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis u d-deċiżjoni tiegħu.

10 Ir-Regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jipprevedi l-proċeduri għat-trattament ta' nuqqasijiet mill-imsemmija regolamenti kif ukoll is-sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ksur imwettaq fil-kuntest tad-derogi.

Is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020

– *Ir-Regolamenti Qafas tal-2020*

11 L-Avviż Legali 399 tal-2020 – Regolamenti tal-2020 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas Li jippermetti Deroga għal Riċerka fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana sabiex tiġi Stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta), tad-19 ta' Ottubru 2020 (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti Qafas tal-2020"), jistabbilixxi deroga għall-qbid, għal għanijiet ta' riċerka, ta' kampjuni tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati.

12 Ir-Regolament 1(2) tar-Regolamenti Qafas tal-2020 jipprovdi:

"L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġi stabbilit qafas li jippermetti deroga għal riċerka fuq [is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana kkonċernati], sabiex tiġi stabbilita l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta, fuq il-bażi tal-Artikolu 9(1)(b) tad-[Direttiva 2009/147]. B'mod speċifiku, dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li tinġabar biżżejjed informazzjoni xjentifika biex tippermetti lil Malta sabiex tintroduċi reġim derogatorju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva [2009/147] li tissodisfa l-kritejru tan-numri żgħar kif interpretat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha [tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta (C-557/15, EU:C:2018:477)]".

13 Ir-Regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti qafas jipprovdi li huwa permess biss li l-għasafar ta' dawn is-seba' speċi jinqabdu bl-użu ta' mnasab imsejħa "clap-nets" bi xbieki li jkollhom malju ta' mhux inqas minn 18 mm bi 18 mm, sabiex ikunu jistgħu jkunu suġġetti għal kontroll u/jew jitlibbsu ċurkett u/jew satellite-tag. Il-formoli ta' kontroll taċ-ċrieket għandhom jintbagħtu lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (iktar 'il quddiem it-"Taqsima tar-Regolamentazzjoni"), li taqa' taħt il-Ministeru għall-Ambjent, għall-Iżvilupp Sostenibbli u għall-Bidla fil-Klima.

14 Ir-Regolament 4 tal-imsemmija regolamenti qafas jipprevedi li l-Ministru jista' jiddikjara perijodu ta' riċerka li ma għandux ikun ta' iktar minn 64 jum fil-ħarifa u għandu jistabbilixxi li ma hemmx "soluzzjoni sodisfaċenti oħra", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147.

15 Ir-Regolament 5 tar-Regolamenti Qafas tal-2020 jillimita l-qbid ta' kampjuni tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati għall-persuni li jkollhom liċenzja għal dan il-għan. Din il-liċenzja tista' tinħareġ biss lill-persuni li, fost l-oħrajn, jissottomettu pjanta tas-sit li turi l-mansab awtorizzat, ikunu attendew kors obbligatorju dwar l-għanijiet tar-riċerka u jkunu għaddew mill-eżami ppreparat għal dan il-għan.

– *Id-Dikjarazzjoni tal-2020*

16 Skont ir-Regolament 1(2) tal-Avviż Legali 400 tal-2020 – Regolamenti tal-2020 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga li tippermetti Perjodu ta' Riċerka fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana sabiex tiġi stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta), tad-19 ta' Ottubru 2020 (iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni tal-2020"):

"[…] peress li fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta:

(a) [is-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati] huma għasafar mhux residenti li jpassu; u

(b) sal-lum inġabret informazzjoni limitata ħafna dwar għasafar [tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati] b'ċurkett xjentifiku biex tipprovdi informazzjoni konklussiva dwar ir-reġjuni tal-oriġini tal-kontinġenti ewlenin tal-għasafar (popolazzjoni ta' referenza) […]

il-Ministru qiegħed b'dan jaċċerta n-nuqqas ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra sabiex isir studju ta' riċerka komprensiv minn individwi li għandhom liċenza bl-użu ta' mnasab reġistrati bħala l-aktar metodu selettiv għat-teħid ta' kampjuni mill-ispeċi relevanti, sabiex tkun tista' tinġabar informazzjoni mill-irkupru taċ-ċrieket xjentifiċi (kontroll) u t-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi, segwiti mill-ħelsien immedjat lura fis-selvaġġ u sakemm dan huwa assolutament neċessarju biex tinkiseb l-informazzjoni li permezz tagħha tiġi determinata l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tal-ispeċi relevanti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Diretiva [2009/147] u [r-Regolamenti Qafas tal-2020]."

17 Ir-Regolament 4 ta' din id-dikjarazzjoni jipprevedi:

"[…] il-perjodu ta' riċerka [għas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati] għas-sena 2020 għandu jkun ta' tnejn u sittin (62) jum mill-20 ta' Ottubru 2020 sal-20 ta' Diċembru 2020, iż-żewġ dati inklużi […]"

Is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2021

– *Ir-Regolamenti Qafas tal-2021*

18 L-Avviż Legali 387 tal-2021 – Regolamenti tal-2021 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana sabiex tiġi Stabbilita l-Popolazzjoni ta' Referenza ta' Malta), tal-14 ta' Ottubru 2021, ħassar ir-Regolamenti Qafas tal-2020.

19 L-Avviż Legali 394 tal-2021 – Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana), tad-19 ta' Ottubru 2021 (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti Qafas tal-2021"), jistabbilixxi sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka li tippermetti l-qbid ta' kampjuni tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati.

20 Ir-Regolament 8 tar-Regolamenti Qafas tal-2021 huwa fformulat bl-istess kliem bħar-Regolament 4 tar-Regolamenti Qafas tal-2020.

– *Id-Dikjarazzjoni tal-2021*

21 Skont ir-Regolament 1(2) tal-Avviż Legali 395 tal-2021 – Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana), tad-19 ta' Ottubru 2021:

"[…] peress li fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta:

(a) [is-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati] huma għasafar mhux residenti li jpassu;

(b) is-sistema li biha jinqabdu l-għasafar permezz ta' ranji mhijiex adegwata biex tinġabar informazzjoni […] dwar l-għasafar mill-ispeċi rilevanti b'ċurkett xjentifiku biex tipprovdi informazzjoni konklussiva dwar ir-reġjuni tal-oriġini tal-kontinġenti ewlenin tal-għasafar (popolazzjoni ta' referenza), kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja […] [fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta (C-557/15, EU:C:2018:477)]; u peress li

(ċ) persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar mill-iskema nazzjonali ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar ma jistgħux jużaw u huma etikament kontra l-użu ta' għajjat u taħrik għall-iskop ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar u kontroll, liema għajat u taħrik huwa l-komponent ewlieni ta' kifj itħaddem mansab,

il-Ministru qiegħed b'dan jaċċerta n-nuqqas ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra sabiex isir studju ta' riċerka komprensiva minn individwi li għandhom liċenza bl-użu ta' mnasab reġistrati bħala l-aktar metodu selettiv […] għat-teħid ta' kampjuni mill-ispeċi rilevanti, sabiex tkun tista' tinġabar informazzjoni mill-irkupru taċ-ċrieket xjentifiċi (kontroll) u tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi, segwiti bil-ħelsien immedjat lura fis-selvaġġ u sakemm dan huwa assolutament neċessarju biex tinkiseb l-informazzjoni li permezz tagħha tiġi determinata l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tal-ispeċi rilevanti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Diretiva [2009/147] u [r-Regolamenti Qafas]."

22 Ir-Regolament 4 ta' din id-dikjarazzjoni jipprovdi:

"[…] il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi rilevanti għas-sena 2021 għandu jkun ta' tnejn u sittin (62) jum mill-20 ta' Ottubru 2021 sal-20 ta' Diċembru 2021, iż-żewġ dati inklużi […]"

Is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2022

– *Ir-Regolamenti Qafas tal-2022*

1 L-Avviż Legali 256 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana), tad-19 ta' Ottubru 2022, emenda ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Qafas tal-2021.

– *Id-Dikjarazzjoni tal-2022*

2 L-Avviż Legali 257 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2022), tad-19 ta' Ottubru 2022 (iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni tal-2022") fetħet "perijodu ta' riċerka" ieħor, jiġifieri mill-20 ta' Ottubru sal-20 ta' Diċembru 2022, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-2021.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-proċedura prekontenzjuża

3 Fl-2014, ir-Repubblika ta' Malta kienet adottat, abbażi tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2009/147, sistema derogatorja li kienet tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati. Permezz tas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta (C-557/15, EU:C:2018:477), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bl-adozzjoni ta' din is-sistema derogatorja, ir-Repubblika ta' Malta kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(a) u (e) u tal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1)(c) tal-imsemmija direttiva.

4 Wara din is-sentenza, ir-Repubblika ta' Malta adottat, fid-19 ta' Ottubru 2020, abbażi tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147, is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka msemmija fil-punti 11 sa 17 ta' din is-sentenza, li tippermetti l-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati. Fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lil dan l-Istat Membru ittra ta' intimazzjoni li fiha indikat li din is-sistema kienet inkompatibbli mal-Artikolu 5 u mal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva u ma kinitx iġġustifikata minn għanijiet ta' riċerka taħt l-Artikolu 9(1)(b) tagħha. Fir-rigward ta' din l-aħħar dispożizzjoni, il-Kummissjoni qieset li r-Repubblika ta' Malta la kienet stabbilixxiet li din is-sistema derogatorja kienet ġiet adottata minħabba l-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra u lanqas ma kienet stabbilixxiet li l-imsemmija sistema kellha għan ġenwin ta' riċerka.

5 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Frar 2021, ir-Repubblika ta' Malta wieġbet li s-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020 kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147.

6 Peress li qieset li l-argumenti mressqa mir-Repubblika ta' Malta bi tweġiba għall-ittra ta' intimazzjoni ma kinux sodisfaċenti, il-Kummissjoni, fid-9 ta' Ġunju 2021, bagħtet opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru, filwaqt li stiednet lil dan tal-aħħar jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-opinjoni f'terminu ta' xahar min-notifika tagħha.

7 Fl-14 ta' Ottubru 2021, il-Ministru ħassar ir-Regolamenti Qafas tal-2020 "bla ħsara għall-validità ta' dak kollu li sar jew li ma sarx skont dawn ir-regolamenti".

8 Fid-19 ta' Ottubru 2021, il-Ministru adotta s-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka msemmija fil-punti 18 sa 22 ta' din is-sentenza, għall-perijodu bejn l-20 ta' Ottubru u l-20 ta' Diċembru 2021. Permezz tad-Dikjarazzjoni tal-2022, dan il-ministru fetaħ "perijodu ta' riċerka" ieħor bejn l-20 ta' Ottubru u l-20 ta' Diċembru 2022.

Fuq ir-rikors

9 Il-Kummissjoni tindika li, peress li r-Regolamenti Qafas tal-2020 u tal-2021, kif ukoll id-Dikjarazzjonijiet tal-2020, tal-2021 u tal-2022, jagħmlu parti mill-istess aġir, dawn għandhom jiġu ttrattati bħala l-istess sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147. Il-Kummissjoni tosserva li r-Repubblika ta' Malta ma hijiex qiegħda tikkontesta li din is-sistema hija inkompatibbli mal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(a) u fl-Artikolu 8(1), moqrija flimkien mal-punt (a) tal-Anness IV tad-Direttiva 2009/147, u tqis li dan l-Istat Membru ma stabbilixxiex li l-kundizzjonijiet għal deroga previsti fl-Artikolu 9(1)(b) ta' din id-direttiva kienu ssodisfatti. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-ewwel nett, ir-Repubblika ta' Malta ma stabbilixxietx li l-imsemmija sistema għandha għan ta' riċerka. It-tieni nett, dan l-Istat Membru ma pprovdiex motivazzjoni dwar l-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra. It-tielet nett, huwa ma stabbilixxiex l-assenza ta' tali alternattiva.

Fuq l-ammissibbiltà

L-argumenti tal-partijiet

10 Ir-Repubblika ta' Malta teċċepixxi l-inammissibbiltà tar-rikors, sa fejn huwa bbażat fuq opinjoni motivata li kienet segwita malajr minn emenda sostanzjali tal-qafas legali nazzjonali, li r-rikors qiegħed iħawwad mal-qafas legali preċedenti. Skont dan l-Istat Membru, in-nuqqas ta' ċarezza dwar is-suġġett u l-portata tar-rikors jippreġudika l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża. Huwa jsostni li, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni ma tispeċifikax jekk l-ilmenti tagħha jikkonċernawx il-qafas legali li kien fis-seħħ fl-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata jew il-qafas legali attwalment fis-seħħ.

11 Ir-Repubblika ta' Malta tirrileva li, għalkemm il-Kummissjoni, fir-rikors tagħha, tipprova tnaqqas kemm tista' l-importanza tal-emendi introdotti bir-Regolamenti Qafas tal-2021, dawn l-emendi huma sostanzjali, b'tali mod li l-qafas legali li jirriżulta minn dawn tal-aħħar ma huwiex "prattikament identiku" għal dak li jirriżulta mir-Regolamenti Qafas tal-2020. Għall-kuntrarju, is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2021 indirizzat it-tħassib tal-Kummissjoni u emendat kunsiderevolment diversi aspetti essenzjali tas-sistema preċedenti.

12 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li hija ma hijiex f'pożizzjoni li tifhem jekk in-nuqqasijiet imsemmija mill-Kummissjoni fir-rikors tagħha jikkonċernawx is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020 jew dik adottata fl-2021. Dan l-Istat Membru jsostni li dan japplika wkoll għall-ilment tal-Kummissjoni dwar l-għażla li ma jiġux involuti ornitoloġisti esperti sa fejn din l-istituzzjoni ma tispeċifikax jekk dan l-ilment jikkonċernax l-ewwel jew it-tieni waħda minn dawn is-sistemi, u dan meta t-tieni sistema kienet introdużiet titjib sostanzjali bil-għan li ornitoloġisti kompetenti jiġu rreklutati u jiġu kompletament integrati fil-proġett ta' riċerka sabiex id-data miġbura tiġi analizzata, ittrattata u estrapolata korrettament.

13 Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tosserva li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jistgħu jkopru fatti sussegwenti għall-opinjoni motivata meta jkunu tal-istess natura bħal dawk imsemmija f'din l-opinjoni u meta jkunu jikkostitwixxu l-istess aġir, kif huwa l-każ fil-kawża ineżami. F'dan il-każ, l-opinjoni motivata tad-9 ta' Ġunju 2021 tikkonċerna s-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata

fl-2020. Il-Kummissjoni tindika li, fir-rikors tagħha, hija tirreferi għal din is-sistema, li kienet ġiet estiża permezz tas-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2021 u permezz tad-Dikjarazzjoni tal-2022.

14 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirrileva li elementi essenzjali tas-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020 li ma kinux josservaw, skont l-opinjoni motivata, l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147 inżammu fis-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2021, li kienet fis-seħħ fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fir-rigward tal-għan ta' ġbir ta' informazzjoni dwar il-popolazzjonijiet ta' referenza tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati, tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzji kif ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sistema.

15 Xhieda ta' din il-kontinwità huwa l-fatt li, bis-saħħa tar-Regolamenti Qafas tal-2021, il-liċenzji kellhom jinħarġu abbażi ta' applikazzjonijiet ippreżentati konformement mar-Regolamenti Qafas tal-2020. Kien għal din ir-raġuni li dawn tal-aħħar tħassru "bla ħsara għall-validità ta' dak kollu li sar jew li ma sarx skont dawn ir-regolamenti".

16 Il-Kummissjoni tqis li, kuntrarjament għall-allegazzjoni tar-Repubblika ta' Malta fis-sens li jeżisti "korp regolatorju ġdid kompost minn membri ta' universitajiet akkreditati, minn ornitoloġisti kkwalifikati u minn analisti ta' data", il-korp regolatorju responsabbli għar-riċerka fir-realtà baqa' t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni, li diġà kellha din il-funzjoni bis-saħħa tar-Regolamenti Qafas tal-2020. Il-possibbiltà l-ġdida maħluqa, għat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni, li tinnomina xjenzati esperti jew ornitoloġisti ma tantx tidher li hija rilevanti fil-prattika.

17 Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Malta ma tindikax kif il-possibbiltà li jiġu introdotti parametri stabbiliti minn qabel, ir-regoli dwar il-konstatazzjoni tal-assenza ta' soluzzjonijiet oħra, ir-regoli dwar id-dikjarazzjoni tal-għasafar maqbuda u l-kundizzjonijiet applikabbli għas-siti ta' riċerka jemendaw sostanzjalment in-natura tas-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka tal-2020.

18 Il-Kummissjoni tirribatti l-allegazzjoni tar-Repubblika ta' Malta li r-rikors ma jidentifikax b'mod preċiż il-miżuri nazzjonali li huma l-kawża tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Skont il-Kummissjoni, ir-rikors jispeċifika li s-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka kkontestata tinkludi "[r-]Regolamenti Qafas tal-2020, […] id-Dikjarazzjoni tal-2020, [ir-]Regolamenti Qafas tal-2021 u [d-]Dikjarazzjonijiet tal-2021 u tal-2022 (kif ukoll kull miżura futura tal-istess tip li tikkostitwixxi l-istess aġir)". Il-Kummissjoni targumenta li, fid-dawl ta' dan is-suġġett iddefinit b'mod ċar, id-drittijiet tad-difiża tar-Repubblika ta' Malta ma ġewx kompromessi.

19 Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li t-tħassir tas-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020 u l-adozzjoni ta' sistema ġdida fl-2021 huma l-konsegwenza diretta tal-indikazzjonijiet mogħtija lilha mill-Kummissjoni. Din is-sitwazzjoni hija differenti mis-sempliċi tkomplija, sena wara l-oħra, tal-prassi amministrattiva li hija kkritikata fl-opinjoni motivata.

20 Ir-Repubblika ta' Malta ssostni li s-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2021 hija differenti mis-sistema preċedenti għaliex tintroduċi proċeduri ġodda, korpi ġodda kif ukoll atturi ġodda, u ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni.

21 Il-Kummissjoni twettaq żball meta tqis bħala prova tal-kontinwità bejn is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020 u dik adottata fl-2021 il-fatt li l-ewwel waħda tħassret "bla ħsara għall-validità ta' dak kollu li sar jew li ma sarx skont [din is-sistema]". L-espressjoni "bla ħsara", li tintuża ta' spiss fil-leġiżlazzjoni Maltija, għandha l-għan li tiżgura li l-proċeduri ġudizzjarji pendenti ma jkunux affettwati mit-tħassir tal-liġijiet preċedenti.

22 Barra minn hekk, is-suġġett tar-rikors tal-Kummissjoni tant huwa vast li jipprekludi lir-Repubblika ta' Malta milli tiżviluppa difiża preċiża. Il-fatt li l-Kummissjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn is-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2020 u dik adottata fl-2021 joħloq inċertezza legali li tipprekludi lil dan l-Istat Membru milli jiżviluppa difiża xierqa abbażi ta' regoli kkontestati ddefiniti b'mod ċar.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

23 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, skont l-Artikolu 258 TFUE, jiġi stabbilit mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, b'tali mod li r-rikors għandu jkun ibbażat fuq l-istess raġunijiet u motivi bħal din l-opinjoni (sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija, C-488/15, EU:C:2017:267, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan il-każ, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, bħal fl-opinjoni motivata tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ssostni li, billi adottat sistema derogatorja li tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, peress li r-Repubblika ta' Malta, l-ewwel, ma tistabbilixxix li s-sistema derogatorja tagħha għandha għan ta' riċerka, sa fejn din is-sistema ma hijiex ibbażata fuq metodi xjentifiċi, tagħti lok għal applikazzjoni ineffettiva, tfittex għan li ma huwiex marbut mal-konservazzjoni u, fi kwalunkwe każ, ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat, it-tieni, ma tipprovdix motivazzjoni dwar l-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra, u, it-tielet, ma tistabbilixxix l-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra.

25 Għaldaqstant, dan ir-rikors huwa bbażat fuq l-istess raġunijiet u fuq l-istess motivi bħall-opinjoni motivata tad-9 ta' Ġunju 2021.

26 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-Istat Membru viġenti fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata (sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija, C-488/15, EU:C:2017:267, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata), jiġifieri, f'dan il-każ, fid-9 ta' Lulju 2021.

27 Madankollu, sa fejn dan ir-rikors huwa intiż li jiddenunzja nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sistematiku u persistenti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, għandu jitfakkar li, bħala prinċipju, ma tistax tiġi eskluża l-produzzjoni ta' provi addizzjonali intiżi, fl-istadju tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jissostanzjaw in-natura ġenerali u kostanti tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija, C-488/15, EU:C:2017:267, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tippreċiża li s-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jista' jkopri fatti sussegwenti għall-opinjoni motivata kemm-il darba jkunu tal-istess natura u jkunu jikkostitwixxu l-istess aġir bħall-fatti koperti minn din l-opinjoni (sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limiti – Arseniku u fluworidu), C-197/22, EU:C:2023:642, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dan il-każ, għalkemm huwa paċifiku li r-Regolamenti Qafas tal-2021 introduċew emendi meta mqabbla mar-Regolamenti Qafas tal-2020, ma jidhirx li dawn l-emendi huma rilevanti fir-rigward ta' dan ir-rikors.

30 Fil-fatt, dan ir-rikors huwa intiż li jiġi kkonstatat li s-sistema derogatorja li tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati tikser l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) tagħha, minħabba li r-Repubblika ta' Malta, l-ewwel, ma stabbilixxietx li din is-sistema għandha għan ta' riċerka, sa fejn l-imsemmija sistema ma hijiex ibbażata fuq metodi xjentifiċi, tagħti lok għal applikazzjoni ineffettiva, tfittex għan li ma huwiex marbut mal-konservazzjoni u, fi kwalunkwe każ, ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat, it-tieni, ma pprovdietx motivazzjoni dwar l-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra, u, it-tielet, ma stabbilixxietx l-assenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra. Issa, is-sempliċi fatt li r-Repubblika ta' Malta emendat il-qafas legali billi adottat proċeduri ġodda, korpi ġodda kif ukoll atturi ġodda mistiedna jipparteċipaw f'din l-istess sistema u saħħet il-mekkaniżmi neċessarji għall-implimentazzjoni tagħha ma huwiex, minħabba n-natura ġenerali tiegħu u fl-assenza ta' provi iktar preċiżi, ta' natura li juri li s-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka adottata fl-2021 tikkostitwixxi, fid-dawl tas-suġġett ta' dan ir-rikors, sistema derogatorja ġdida sostanzjalment differenti minn dik li kienet fis-seħħ qabel.

31 Barra minn hekk, lanqas l-allegazzjoni tar-Repubblika ta' Malta fis-sens li s-sistema derogatorja kkontestata ma hijiex iddefinita b'mod ċar fir-rikors ma hija ssostanzjata. Fil-fatt, is-sistema derogatorja li hija s-suġġett tar-rikors tinkludi r-Regolamenti Qafas tal-2020, id-Dikjarazzjoni tal-2020, ir-Regolamenti Qafas tal-2021 u d-Dikjarazzjonijiet tal-2021 u tal-2022, kif ukoll kull miżura futura tal-istess tip li tikkostitwixxi l-istess aġir, fejn din l-aħħar preċiżazzjoni ma għandha ebda skop, f'dan il-każ, peress li l-Kummissjoni ma estendietx is-suġġett tar-rikors tagħha għal miżuri sussegwenti għad-Dikjarazzjoni tal-2022.

32 Għalhekk, id-drittijiet tad-difiża tar-Repubblika ta' Malta ma ġewx miksura. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li r-Repubblika ta' Malta setgħet, kif jirriżulta mill-atti tagħha, tiżviluppa argumenti ddettaljati fir-rigward tal-ilmenti u tal-argumenti invokati mill-Kummissjoni.

33 Għaldaqstant, ir-rikors huwa ammissibbli.

Fuq il-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' eżistenza ta' "soluzzjoni sodisfaċenti oħra" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147

L-argumenti tal-partijiet

34 Il-Kummissjoni tenfasizza li r-Regolamenti Qafas tal-2020 u tal-2021 ma fihom ebda motivazzjoni dwar l-assenza ta' soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti u sempliċement iħallu din l-evalwazzjoni f'idejn il-Ministru meta jiddeċiedi li jiftaħ "perijodi ta' riċerka" permezz ta' dikjarazzjonijiet.

35 Fid-Dikjarazzjonijiet tal-2020, tal-2021 u tal-2022, il-Ministru aċċerta l-assenza ta' "soluzzjoni sodisfaċenti oħra", mingħajr ma pprovda motivazzjoni suffiċjentement ċara sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' ċertezza legali. Dawn id-dikjarazzjonijiet jiddeskrivu l-iskop tas-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka, li huwa l-ġbir ta' data dwar il-kontroll taċ-ċrieket sabiex tiġi ddeterminata l-popolazzjoni ta' referenza tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta. Madankollu, la dawn id-dikjarazzjonijiet u lanqas id-dokumenti msemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna tagħhom ma jispjegaw għaliex il-Ministru ddeċieda li jsegwi dan il-għan bil-ħruġ ta' liċenzji lil eluf ta' dilettanti minflok b'mezzi oħra, bħalma hija l-parteċipazzjoni ta' xjenzati kompetenti.

36 Il-Ministru bl-ebda mod ma spjega r-raġunijiet għaliex ir-Repubblika ta' Malta ddeċidiet li ma tinkludix lill-persuni li jlibbsu ċ-ċrieket mal-programm nazzjonali tat-tqegħid ta' ċrieket jew li ma tużax mezzi xjentifiċi stabbiliti oħra, bħalma huma ċ-ċensimenti tal-popolazzjonijiet ta' għasafar abitwalment użati, sabiex tirrimedja n-nuqqas ta' data kkonstatat.

37 Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Malta ma pprovdietx motivazzjoni għall-assenza ta' soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti peress li la d-Dikjarazzjonijiet tal-2020, tal-2021 u tal-2022, la r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis u lanqas ir-rapporti tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni, li għalihom tirreferi r-Repubblika ta' Malta, ma jindirizzaw il-kwistjoni ta' jekk il-parteċipazzjoni ta' xjenzati ġenwini tikkostitwixxix soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti.

38 Ir-Repubblika ta' Malta tirribatti li r-Regolamenti Qafas tal-2020 u tal-2021 kif ukoll id-Dikjarazzjonijiet tal-2020, tal-2021 u tal-2022 jipprovdu raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw l-assenza ta' soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti. L-ewwel, l-assenza ta' soluzzjoni alternattiva hija rekwiżit impost espliċitament mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147. It-tieni, ir-Regolament 6(1) tar-Regolamenti Qafas tal-2021 jipprevedi li l-istudju ta' riċerka għandu jiżgura, wara evalwazzjoni u analiżi, li "ma hemm l-ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti". It-tielet, fil-kuntest tas-sistema derogatorja għal għanijiet ta' riċerka tal-2021 kif ukoll matul il-"perijodi ta' riċerka" tal-2020, tal-2021 u tal-2022, il-miżuri meħuda pprovdew l-informazzjoni rilevanti kollha li tiġġustifika l-assenza ta' soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti. B'mod partikolari, id-Dikjarazzjoni tal-2020 tagħmel riferiment espliċitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis kif ukoll riferimenti għaċ-ċrieket irkuprati matul il-perijodu li jkopri s-snin 1920 sa 2018 u għar-rapport dwar in-natura selettiva u d-dimensjoni tax-xbieki ppreżentat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni. Dawn ir-rapporti jagħmlu parti minn din id-dikjarazzjoni u jipprovdu l-informazzjoni kuntestwali rilevanti kif ukoll data xjentifika preċiża, li jiġġustifikaw l-assenza ta' soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

39 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147, il-konservazzjoni tal-għasafar hija l-għan prinċipali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, One Voice u Ligue pour la protection des oiseaux, C-900/19, EU:C:2021:211, punt 34). Għalhekk, skont l-Artikolu 5(a) u (e) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni tal-ispeċi kollha ta' għasafar li jissemmew fl-imsemmi Artikolu 1 li tinkludi, b'mod partikolari, il-projbizzjoni li jinqatlu jew jinqabdu intenzjonalment, irrispettivament mill-metodu użat, kif ukoll li jinżammu l-għasafar tal-ispeċi li l-kaċċa u l-qbid tagħhom ma humiex permessi.

40 Skont l-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva, f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-qbid ta' għasafar, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-mezzi, tal-arranġamenti u tal-metodi kollha użati għall-qbid tal-għasafar fuq skala kbira jew mhux selettiv jew li jkunu kapaċi jikkawżaw l-għejbien lokali ta' speċi, u b'mod partikolari l-użu ta' dawk elenkati fil-punt (a) tal-Anness IV tal-istess direttiva, li jsemmi, b'mod partikolari, ix-xbieki u n-nases.

41 L-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw, b'mod partikolari, mill-imsemmija dispożizzjonijiet jekk ma jkunx hemm soluzzjoni sodisfaċenti oħra, b'mod partikolari, għal għanijiet ta' riċerka.

42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jagħmlu użu mid-derogi previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147 biss b'mod li jkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, il-qafas leġiżlattiv u regolamentari nazzjonali għandu jkun imfassal b'mod li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet derogatorji previsti fih tkun tissodisfa l-prinċipju ta' ċertezza legali. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli f'dan il-qasam għandha tistabbilixxi l-kriterji għal deroga b'mod ċar u preċiż, u għandha tobbliga lill-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni tagħhom jeħduhom inkunsiderazzjoni (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta, C-557/15, EU:C:2018:477, punt 47).

43 Għandu jiġi enfasizzat ukoll, fir-rigward ta' sistema li tagħmel eċċezzjoni, bħalma hija dik prevista fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147, liema sistema għandha tiġi interpretata b'mod strett u għandha tqiegħed l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal kull deroga fuq l-awtorità li tieħu d-deċiżjoni, li l-Istati Membri huma obbligati jiggarantixxu li kull intervent li jolqot lill-ispeċi protetti jkun awtorizzat biss abbażi ta' deċiżjonijiet li jkun fihom motivazzjoni preċiża u adegwata li tirreferi għar-raġunijiet, għall-kundizzjonijiet u għar-rekwiżiti previsti f'dan l-artikolu (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta, C-557/15, EU:C:2018:477, punt 47). Barra minn hekk, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147, li jagħmlu riferiment għall-kontroll strett tad-deroga prevista f'dan l-artikolu u għan-natura selettiva tal-qabdiet, kif ukoll, barra minn hekk, mill-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, jirriżulta li d-deroga taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147 li Stat Membru jkollu l-intenzjoni juża għandha tkun proporzjonata mal-ħtiġijiet li jiġġustifikawha (sentenza tat-23 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (Kaċċa fir-rebbiegħa għall-kampjuni rġiel tal-ispeċi ta' għasfur edredun), C-217/19, EU:C:2020:291, punti 66 u 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għaldaqstant, hija r-Repubblika ta' Malta li għandha tistabbilixxi, filwaqt li tosserva l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 64 u 65 ta' din is-sentenza, li l-kundizzjonijiet tad-deroga taħt l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147, li fuqha hija bbażat ruħha, jiġu ssodisfatti.

45 Għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni Maltija tistabbilixxi l-kriterji tad-deroga b'mod ċar u preċiż u tobbliga lill-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni tagħhom jeħduhom inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, kif indikat fil-punti 8, 14 u 20 ta' din is-sentenza, ir-Regolament 9 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jittrasponi, essenzjalment, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147, filwaqt li r-Regolament 4 tar-Regolamenti Qafas tal-2020 u r-Regolament 8 tar-Regolamenti Qafas tal-2021 jobbligaw lill-Ministru jivverifika, meta jiġi biex jiftaħ perijodu ta' riċerka, li ma jkunx hemm soluzzjoni sodisfaċenti oħra.

46 Għall-kuntrarju, għandu jiġi kkonstatat li d-Dikjarazzjonijiet tal-2020, tal-2021 u tal-2022 li jawtorizzaw l-insib għal kampjuni tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana kkonċernati matul il-"perijodi ta' riċerka" fis-snin 2020, 2021 u 2022 ma humiex konformi mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147.

47 Fil-fatt, dawn id-dikjarazzjonijiet, għalkemm isemmu li ma teżisti ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra u filwaqt li jagħmlu riferiment espliċitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis, ma fihom ebda motivazzjoni preċiża u adegwata fir-rigward ta' tali nuqqas ta' eżistenza. B'mod partikolari, fl-imsemmija dikjarazzjonijiet, lanqas biss ma jissemmew metodi xjentifiċi ta' riċerka oħra li huma komuni fil-qasam ornitoloġiku, u dan la sabiex jiġu kkonfermati u lanqas sabiex jiġu esklużi.

48 Minn dan isegwi li l-motiv ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni, fis-sistema derogatorja adottata mir-Repubblika ta' Malta, fir-rigward tan-nuqqas ta' eżistenza ta' "soluzzjoni sodisfaċenti oħra", fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147, huwa fondat fid-dritt u, għaldaqstant, għandu jintlaqa'.

49 Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, ma jidhirx, f'dan il-każ, li huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-motivi bbażati, rispettivament, fuq l-assenza ta' prova tan-nuqqas ta' eżistenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra, kif ukoll fuq l-argument li s-sistema derogatorja Maltija ma għandhiex għan ta' riċerka, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2009/147 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta, C-557/15, EU:C:2018:477, punt 53).

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi kkonstatat li, billi adottat sistema derogatorja li tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi, jiġifieri l-isponsun (*Fringilla coelebs*), il-ġojjin (*Carduelis cannabina*), il-gardell (*Carduelis carduelis*), il-verdun (*Carduelis chloris*), taż-żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), l-apparell (*Serinus serinus*) u l-ekru (*Carduelis spinus*), ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva.

Fuq l-ispejjeż

51 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li tilfet fl-essenzjal tal-argumenti tagħha, ir-Repubblika ta' Malta għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi adottat sistema derogatorja li tippermetti l-qbid ta' kampjuni ħajjin ta' seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi, jiġifieri l-isponsun (*Fringilla coelebs*), il-ġojjin (*Carduelis cannabina*), il-gardell (*Carduelis carduelis*), il-verdun (*Carduelis chloris*), taż-żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), l-apparell (*Serinus serinus*) u l-ekru (*Carduelis spinus*), ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva.**

2) **Ir-Repubblika ta' Malta hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem